## Kunsill Lokali - Il-Fgura

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2018

Il-Werrej


1.0 Il-Kunsill…………………………………………………………… 2
1.1 Il-Membri tal- Kunsill............................................................ 2
1.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera........................................... 2
1.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill………………………….. 3
1.4 Il-Ħidma tal-Kunsill................................................................ 3
2.0 Ilmenti u Suġġerimenti ………………………………………… 3
2.1 Kuntatt ……………………………………………….................... 3
2.2 Laqgħat……………………………………………………………. 4
2.3 Press Conferences............……………………………………… 4
2.4 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill……………………………… 4
2.5 Xogħol mill-ħaddiema tar-reġjun………….......…………….... 5
2.6 Fondazzjoni RISE……………………………………………… 5
3.0 Attivitajiet ........................................................................... 5
3.1 Festa tal-Ilsien Malti …………………………………………… 5
3.2 Jum il-Fgura…………………………………………………… 5
3.3 Attivita' mal-Fgura United Football Club……………………. 5
3.4 Attivita' mal-Anzjani…………………………………………… 5
3.5 Attivita' mat-tfal tal-iskola……………………………………… 5
4.0 Inawgurazzjoni tal-Kunsill Lokali Fgura……………………… 6
5.0 Attivitajiet oħra…………………………………………………… 6

6.0 Live – Streaming………………………………………………… 6
7.0 Finanzi…………………………………………………………… 7
8.0 Konkluzjoni……………………………………………………… 7

ANNESS 1 – Annual Budget
ANNESS 2- Business Plan 2019-2021

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar **12,500** huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

### 1.1 Il-Membri tal-Kunsill

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Sindku |
| Is-Sur Ray Deguara | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Dr. Ryan Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| Is-Sur Jesmond Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Rene Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Saviour Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Fava | Kunsillier |

### 1.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Pierre Dalli - Sindku
Sorveljanza funzjonijiet tal-Kunsill inkluz staff amministrattiv u ħaddiema,finanzi,Sigurta',
Materjal informattiv u konsutazzjoni u Għaqdiet.

Ray Deguara - Viċi Sindku
Ħarġiet kulturali, Attivitajiet, Saħħa, Persuni bi bżonnijiet speċjali, Aċċessibilita', Reklamar ta' toroq u Anzjani.

Charles Bonello - Kunsillier
Kultura, Ambjent u Traffic Management

Dr. Ryan Ellul - Kunsillier
Dawl tat-toroq, Oqsma tal-bini tal-Gvern, Posta u Materji legali.

Is-Sur Mark Lombardo - Kunsillier
Jum il-Fgura, Sports u Edukazzjoni

Is-Sur Jesmond Zammit - Kunsillier
Ġonna Publiċi, Indafa, Bulky Refuse u Ġbir ta' skart.

Is-Sur Rene Zammit-Kunsillier
Informazzjoni Teknoloġika,Corporate Image tal-letterheads, fuljett u imejls, Sit Eletroniku, Live-streaming tal laqgħat tal-Kunsill u Komunita' kummerċjali.

Is-Sur Saviour Camilleri -Kunsillier
Infrasttrutura u Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Mario Fava - Kunsillier
Programmi u fondi tal-Unjoni Ewropeja, Ħidma Internazzjonali u Żgħażagħ.

### 1.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2018 nżammu 17-il laqgħa li tlieta minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

# Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2018

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Pierre Dalli** | 17 | 17 | 0 | 0 | 100% |
| **Il-Viċi Sindku Ray Deguara** | 17 | 16 | 1 | 0 | 94% |
| **Il-Kunsillier Charles Bonello** | 17 | 14 | 2 | 1 | 82% |
| **Il-Kunsilliera Ryan Ellul** | 17 | 10 | 3 | 4 | 59% |
| **Il-Kunsillier Mark Lombardo** | 17 | 16 | 1 | 0 | 94% |
| **Il-Kunsillier Jesmond Zammit** | 17 | 6 | 8 | 3 | 35% |
| **Il-Kunsillier Rene Zammit** | 17 | 6 | 7 | 4 | 35% |
| **Il-Kunsillier Saviour Camilleri** | 17 | 16 | 0 | 1 | 94% |
| **Il-Kunsillier Mario Fava** | 17 | 9 | 7 | 1 | 53% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

### 1.4 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2018 saru **17-il laqgħa tal-Kunsill**,li jinkludu **tliet** laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **330 mozzjoni**.

**Intbagħtu mat-13,347 ittra u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal- 3771 permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 2.0 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2018,il-Kunsill irċieva **1033 Ilment u 35 Suġġeriment 96.9**% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li **3.09%** baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2018. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasal għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-RSSL – Resource Support and Services Ltd u mill-ħaddiema tad-District Operations u anke mill-ħaddiema tar-reġjun. Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2018.

| | **Ilmenti** | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Magħluqa | 1001 | 96.9% |
| Pendenti | 32 | 3.09% |
| Total | 1033 | 100% |

| **Suġġerimenti** | Persentaġġ | |
|---|---|---|
| 35 | 100% | Magħluqa |
| 0 | 0% | Pendenti |
| Total | 100% | Total |

Kellna applikazzjoni **1** għall-bożża ġdida u applikazzjoni **1** biex imexxu bożża minn post għal ieħor.

### 2.1 Kuntatt

(a) Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika żewġ ħarġiet tal-fuljett intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar il-Proġett Kapitali, il-Finishing taċ-Ċentru Ċiviku li jinsab fi Triq Hompesch il-Fgura u fuq bosta xogħlijiet li saru f'diversi toroq imwettqa mill-dan l-istess Kunsill.

(b) Saret konsultazzjoni pubblika mar-residenti dwar l-immaniġjar tat-traffiku li joqgħodu f'dawn Triq Titu Bradsma, Triq Censu Busuttill u Triq Ġdida fi Triq l-Għarnuq.

(c) Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **erba' ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

30/05/2018 – Ħarġa għall-Esplora

17/8/2018 - Dawra ma' Malta bil-Hera Cruises

23/10/2018 - Żajra fil-Forti Sant'Anġlu

9/12/2018- Ġurnata Għawdex għal żmien il-Milied

## 2.2 Laqgħat

Saru tal-anqas **189** laqgħa li organizza l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali; ma' Transport Malta; Ansek; Board Room tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar; FSWS; Projects House; Meusac; Laqgħat Reġjonali – Reġjun Xlokk, mal-Greenpak u Nexos, mal-Perit, l-Inġiniera u l-Accountant tal-Kunsill, ma' Bava Holdings Ltd u t-team kollu ta' min qiegħed jaħdem fuq iċ-Ċentru Ċiviku, mal-kapijiet tal-Iskola Primarja A u B, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ma' diversi kuntratturi u kif ukoll ma' diversi Segretarji Parlamentari u entitajiet oħra.

## 2.3 Press Conferences

Kellna żewġ Press Conferences, waħda fuq Development Planning Funds u dwar l-attivitajiet tal-Festa tal-Ilsien Malti 2018.

## 2.4 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

(a) Ġewwa l-*Clubhouse* fi Pjazza Patri Redent Gauci, baqgħet tingħata l-faċilita' ta' *Free Help Outlet* fejn ħwejjeġ li jkunu għadhom tajbin jingħataw b'xejn minn donaturi, u dawk li jkollhom bżonn il-ħwejjeġ ikunu jistgħu jagħżlu minnhom u jieħduhom b'xejn. Din l-ideja ħadmet u l-konkorrenza hija tajba kemm minn dawk li joffru l-ħwejjeġ u anke minn dawk li jiksbuhom.

(b) Zumba u Aerobic courses li saru darbtejn fil-ġimgħa (It-Tlieta u l-Ġimgħa) esklusivament b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill, u kienu organizzati u mħallsa mill-kunsill Lokali.

(c) Intlaqgħu **4552** talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(d) Kien hemm **917** residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**.

(e) Min Jannar sa Novembru 2018 kien hemm **12,033** ta' self ta' kotba mill-Librerija Pubblika.

(f) Ingħataw korsijiet għat-tfal Aqra Miegħi fejn kienu jsiru fl-ex tribunal.

(g) Fil-clubhouse qed isiru lezzjonijiet tal-crafts minn nisa tad-djar.

(h) Sar xogħol ta' manutenzjoni fil-Club House.

(i) Il- Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** ta' student bil-għan li jesperjenza u jitgħallem dwar il-ħidma tal-Kunsill. Student mill-MCAST

(j) Ta' spiss sar l-iffriskar tal-linji tat-toroq.

(k) Nhar id-19 ta' Ottubru 2018, ittellgħet wirja tal-Arti fil-Foyer tal-Kunsill mis-Sur Carmel Agius

(l) Saret tpinġija bl-ispray fuq il-ħitan minn l-artist Justin Bonnici.

(m). Il-Kunsill Lokali tal-Fgura ngħata €200,000 mid-Development Planning Fund sabiex setgħet titlesta l-binja. Ammont totali li l-Kunsill irċieva mill-UIF jammonta għal €419,033.15 matul is-sena 2018.

(n) Ġiet installata Speed Ramp fi Triq Merħba kantuniera ma' Triq San Tumas

(o) Ġiet installata Solar Panel biex titfa d-dawl fuq iz-zebra crossing fi Triq San Tumas.

(p) Zebra Crossing ġdida fi Triq San Tumas kantuniera ma' Koppla.

(q) Ġew installati *Calming Strips* fi Triq AM Valperga.

**2.5 Xogħol mill-ħaddiema tar-reġjun.**

Dan il-kunsill iggwadanja mix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tar-Reġjun.Fost ix-xogħlijiet li għamlu kien hemm,

(a) Tranġar ta' ħitan f'dawn it-toroq; Triq Hompesch, Bormla, Valperga, Foss u Bieb.

(b) Iffiriskar tal-linji tat-toroq

(c) Banikna sħiħa fi Triq Rjallu

(d) Bankina fi Triq il-Misk

(e) Bankina fi Triq San Xmun

(f) Tranġar ta' ċint fi Triq T. Kallkutta

**2.6 Fondazzjoni RISE**

L-għan ewlieni tal-Fondazzjoni RISE hi li taħdem ma' individwi li bħalissa qed jiskontaw sentenza fil-Faċilita' Korettiva ta' Kordin fejn gradwalment jintergrawhom ruħhom lura fis-soċjeta permezz ta' programm ta' rijabilitazzjoni intensiv. Bħala Kunsill Lokali kellna l-opportunita' li nigwadanjaw minn dan is-servizz tar-Rise fejn dan l-individwi wettqu 20 siegħa ta' xogħol komunitarju fil-lokalita tagħna.

**3.0 Attivitajiet**

**3.1 Il-Festa tal-Ilsien Malti**

Il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2018, l-Kunsill Lokali tal-Fgura b'kollaborazzjoni mas-Sede Kulturali u Soċjali tal-Fgura tellgħu l-attivita' bl-isem tal-Festa tal-Ilsien Malti fejn matul din is-serata mużiko-letterarja nqraw diversi poeżiji u ndaqqu bosta kanzunetti Maltin. Waqt din is-serata ngħataw Ġieħ u Ħajr il-Fgura kif ukoll rikonoxximent lill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu l-Fgura, lill-Kummissjoni Festa Esterna kif ukoll lill-Fondazzjoni Rise.

**3.2 Jum il-Fgura**

Fis-sena 2018, Jum il-Fgura ġie ċċelebrat Nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru, fejn sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn hemm ġiet iċċelebrata l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Wara, sar korteo lejn Pjazza Reggie Miller bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet kif ukoll mill-Kor Flower of Carmel, fejn giet imtella' l-bandiera tal-lokalita.

### 3.3 Attivita mal-Fgura United Football Club

Bħala parti mill-attivitajiet ta Jum il-Fgura dan il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Fgura United Football Club organizza Marathona fejn il- qliegħ kollu mar għal Puttinu Care.

### 3.4 Attivita mal-Anzjani

Attivita' oħra li tella' dan il-Kunsill kienet dik mal-anzjani fejn dawn kienu mistiedna jżuru l-binja tak-Kunsill Lokali u wara konġuta mal-istess attivta' ħarġa għal Sant'Anġlu

### 3.5 Attivita mat-tfal tal-iskola

Attivita' interessanti oħra li tella' dan il-Kunsill kienet dik mat-tfal tal-iskola fejn dawn kellhom opportunita' li jżuru l-binja u kif ukoll jiltaqgħu u jistaqsu mistoqsijiet lis-Sindku u lill-Kunsilliera preżenti.

### 4.0 Inawgurazzjoni tal-binja – Kunsill Lokali Fgura

Ta' priorita' kbira li kellu dan il- Kunsill huwa l-Progett Kapitali taċ-Ċentru Ċiviku. Din is-sena kienet waħda speċjali għal dan il-kunsill minħabba l-fatt li mexa għal ġol binja ġdida ta' erba' sulari li tinsab ġo
126-128 Triq Hompesch Fgura. Ix-xogħol ta' finishings fuq iċ-Ċentru Ċiviku tlesta f' Settembru, 2018.
Nhar l- 1 ta' Novembru ġiet inawgurata l-binja tal-Kunsill Lokali tal-Fgura mill-Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat.

Dan il-proġett huwa kkunsidrat ta' wieħed '*State of the Art'* fejn il-Fgurin għandhom post attrezatt b'kollox f' kumdita kbira li tixraq u ssebbaħ il-lokalita' tagħna. Minn dan il-post qed jingħataw bosta servizzi. Fil-pjan ta' isfel insibu l-ufficcini tal-Kunsill Lokali. Magħna inqagħdu wkoll-Fondazzjont tas-servizzi socjali (FSWS) fejn dawn jinstabu fl-ewwel sular sular. Fl-istess binja hemm sala kbira fejn qed jiġu organizzati sezzjonijiet ta' Zumba u Aerobics u li tista tintuża wkoll għal konfernzi,u kif ukoll klassi fejn qed tintuża biex issir korsijiet edukattivi ta' kull tip. Fil-basement wieħed issib garaxx fejn hemm 14 il-parkeġġ għal karozzi.

### 5.0 Attivitajiet oħra

#### (a) Car Free Day 2018

Il-Kunsill organizza attivita' tal-Car Free Day, li tellet f'Settembru 2018. F'dan il-jum Triq Mater Boni Consilii bejn Triq is-Sur u Triq Dun Gorg Preca ingħalqet għat-traffiku u ġew prattikati bosta attivitajiet sportivi.

#### (b) Milied

Bħal kull sena dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-kommunita' tal-Fgura għax isebħu t-toroq tal-Fgura. Is-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid ġiet armata fir-roundabout ta' Triq Hompesch. Din is-siġra hija għolja 14.12-il metru, b'bażi forma ta' skorfina li ġġib dijametru ta' 7.92 metri.

Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq tal-Fgura għal xahar sħiħ bejn is-6 ta' Diċembru 2018 u s-6 ta' Jannar 2019.

### 6.0 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

## 7.0 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2017 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1.

Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2017 u 2018.

| | Perċentwali Total 2018 | SENA 2018 | Żieda jew Tnaqqis fuq is-sena ta' qabel | Perċentwali Total 2017 | SENA 2017 |
|---|---|---|---|---|---|
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 81.92 | 619,962 | 73,512 | 82.34 | 546,450 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 4.79 | 36,248 | 26,662 | 1.44 | 9,586 |
| Dħul Supplimentari | 6.74 | 51,004 | -2,584 | 8.07 | 53,588 |
| Grants Released | - | - | -18,375 | 2.77 | 18,375 |
| Minn Bye Laws | 2.18 | 16,488 | -3,241 | 2.97 | 19,729 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 1.07 | 8,109 | -2,519 | 1.60 | 10,628 |
| Ġenerali | 3.30 | 24,992 | 19,693 | 0.81 | 5,299 |
| **Total** | 100.00 | **756,803** | **93,148** | 100.00 | **663,655** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 22.33 | 148,837 | 16,338 | 23.89 | 132,499 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 12.89 | 85,936 | 55,500 | 5.49 | 30,436 |
| Servizzi Kuntrattwali | 32.64 | 217508 | 9,025 | 37.58 | 208483 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 32.14 | 214,202 | 30,854 | 33.04 | 183,348 |
| Dħul u Spejjeż oħra | - | 0 | 0 | - | 0 |
| **Total** | 100.00 | **666,483** | **111,717** | 100.00 | **554,766** |
| **Surplus** | | 90,320 | -18,569 | | 108,889 |

## 8.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ppjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

IFFIRMATA

Beverly Saliba
Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS 1** – Business Plan għas-Snin 2019 -2021
ANNESS 2 - Annual Budget